MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2005

Citazzjoni Numru. 165/1999/1

Registratur tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)

vs

Paul Cardona u martu Mary Cardona

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur qal hekk:

Illi b'rikors ipprezentat fl-24 ta' Frar, 1999, Carmela armla Cassar, Angelo Cassar, Josephine Sultana, Jane Ellul, Vicky Azzopardi u Mary Attard, talbu l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni numru 31/99 fl-ismijiet "Carmela Cassar et –vs- Paul Cardona et" sabiex il-konvenuti odjerni jigu inibiti milli jipotekaw, ibieghu, inehhu, jitrasferixxu jew b'xi mod iehor jiddisponu jew jaghtu xi jeddijiet b'titolu 'inter vivos', ikunu ta' liema natura jkunu, inkluz kirjiet jew koncessjonijiet b'titolu oneruz jew gratuwitu, ta' jew dwar xi proprjeta',

spettanti lilhom, u ndikaw beni bhala ta’ proprjeta’ tal-istess konvenuti odjerni fosthom in-nofs indiviz ta’ l-art imsejha ‘tax-Xlendi’ fil-limiti ta’ Kercem, Ghawdex, bil-kejl ta’ 431m.k, li tmiss mit-tramuntana ma’ Triq Xlendi, nofsinhar ma’ Triq il-Qadima tax-Xlendi, u mil-lvant ma’ beni ta’ Saverio Bajada (dok. X1);

Illi b’digriet tal-24 ta’ Frar 1999 din il-Qorti laqghet it-talba provvizorjament u b’digriet tas-27 ta’ April 1999, laqghet it-talba definittivament u ordnat il-hrug ta’ l-imsemmi Mandat ta’ Inibizzjoni (dok.X2);

Illi b’rikors ipprezentat fit-2 ta’ Lulju 1999, Carmela Cassar et qalu li permezz ta’ kuntratt tat-22 ta’ Marzu 1999 fl-atti tan-Nutar Dottor Josianne Cini l-konvenuti odjerni ttrasferew il-proprjeta’ immobbli fuq indikata, u dan bi ksur flagranti ta’ l-ordni ta’ din il-Qorti bi skop evidenti sabiex jigu evazi l-effetti tal-precitat mandat, u ghalhekk talbu li din il-Qorti tordna li a kura tar-Registratur ta’ din il-Qorti jittiehdu fil-konfront ta’ l-intimati, konvenuti odjerni, proceduri minhabba disprezz lejn l-Awtorita’ taghha (dok.X3);

Illi b’digriet tas-6 ta’ Awissu 1999 din il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li ghandhom jittiehdu a kura tar-Registratur ta’ din il-Qorti proceduri ghal disprezz lejn l-Awtorita’ taghha fil-konfront ta’ l-imsemmija Paul u Regina konjugi Cardona (dok.X4);

Illi ghalhekk qeghdha issir din il-kawza:

Talab ghaliex il-Qorti m’ghandhiex:

1. issib lill-konvenuti hatja ta’ disprezz ghall-Awtorita’ taghha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta’ Organizzazjoni u Procedura Civili (Kap 12);

2. tikkundanna lill-istess konvenuti ghall-pieni preskritti mil-ligi fl-istess Titolu XV11 fuq imsemmi;

Bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni u bit-twissija li jekk ma jidhrux

huma jistghu jigu mgieghla biex iwiegbu ghall-akkuza bil-mezz ta’ mandat ta’ skorta jew arrest.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tar-Registratur annessa l-lista tax-xhieda u l-lista ta’ dokumenti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew:

1. illi m’humiex hatja ta’ l-akkuza ta’ disprezz lejn l-Awtorita tal-Qorti ghaliex huma b’ebda mod u manjiera ma kisru jew naqsu illi josservaw id-digriet moghti fis-27 ta’ April 1999 fl-Atti tal-Mandat ta’ Inibizzjoni numru 31/99 fl-ismijiet ‘Carmela Cassar et vs Paul Cardona et’ u dan kif jigi dettaljatament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza’.

2. salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom annessa l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet taghha, diversament preseduta, tas-26 ta’ April 2000, li bih cahdet it-talba ta’ Carmela armla Cassar, Angelo Cassar, Josephine Sultana, Jane Ellul, Vicky Azzopardi u Mary Attard sabiex jintervjenu fil-kawza ‘in statu et terminis’;

Semghet u ezaminat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Il-fatti huma s-segwenti: b’digriet provvizorju ta’ din il-Qorti, diversament preseduta, tal-24 ta’ Frar 1999 (folio 5) fl-atti tal-Mandat ta’ Inibizzjoni numru 31/99, fl-ismijiet “Carmela armla Cassar, Angelo Cassar, Josephine Sultana, Jane Ellul, Vicky Azzopardi u Mary Attard –vs- Paul Cardona u Mary mart (l-istess) Paul Cardona”, l-imsemmija intimati, konvenuti f’dawn il-proceduri, gew inibiti, pendenti digriet finali, milli jipotekaw, ibieghu, inehhu, jitrasferixxu jew bi kwalunkwe mod iehor jiddisponu jew jaghtu xi jeddijiet b’titolu *inter vivos*, ikunu

ta’ liema natura jkunu, inkluz kirjiet jew koncessjonijiet, b’titolu oneruz jew gratuwitu, ta’/ jew dwar xi proprjeta’, spettanti lilhom.

In forza ta’ l-akkoljiment tal-Mandat ta’ Inibizzjoni gew kolpiti seba’ bicciet art specifikament indikati fil-mandat. Sussegwentement, izda fil-kors tas-smiegh tal-mandat, ir-rikorrenti b’rikors tat-2 ta’ Lulju 1999 (folio 10), talbu li jittiehdu proceduri ta’ disprezz fil-konfront ta’ l-intimati, l-odjerni konvenuti, talli b’kuntratt tat-22 ta’ Marzu 1999, atti Nutar Josianne Cini, ittrasferew dak l-immobbli, li ndikaw fin-numru sebgha, fl-elenku ta’ proprjetajiet kolpiti bl-inibizzjoni, u in segwitu, fis-6 ta’ Awissu ta’ l-istess sena, l-Qorti, kif diversament preseduta, ordnat li jittiehdu a kura tar-Registratur proceduri ghad-disprezz lejn l-Awtorita’ taghha fil-konfront ta’ Paul u Regina konjugi Cardona, l-attwali konvenuti.  Imbaghad fit-12 ta’ Ottubru 1999 ir-Registratur intavola din il-kawza.

Issa, l-opposizjoni tal-konvenuti ghall-kawza m’hijiex li huma m’ghamlux il-kuntratt in kwistjoni. Dan ikkonfermawh u jirrizulta bhala fatt.  Id-difiza taghhom tikkonsisti filli l-proprjeta’ trasferita ma kinitx inkluza fil-lista ta’ proprjeta’ li kienu inibiti milli ‘jipotekaw, ibieghu, jnehhu, jew jitrasferixxu jew b’xi mod iehor jiddisponu permezz tal-mandat in kwistjoni’ u intant, u in sostenn ta’ l-eccezzjoni taghhom, pproducew lin-nutar li ppublikat l-att sabiex jissostanzjaw il-fatt li mill-iskrizzjonijiet fir-registru pubbliku dan l-immobbli ma kienx jirrizulta nkluz fost il-proprjetajiet imsemmija fil-mandat. Il-konvenut Paul Cardona afferma li fil-kopja notifikata lilu dan l-immobbli ma kienx indikat.

Illi, irrispettivament minn dan, li ghandu jirrizulta nkontestabbilment hu, li bid-digriet tal-24 ta’ Frar 1999, l-allura intimati, illum konvenuti, kienu gew mizmuma li ‘inter alia’ jbieghu “<u>xi</u> proprjeta’ spettanti lilhom”.  Hekk gie ddekretat u kkonfermat bid-digriet definittiv tal-Qorti tas-27 ta’ April 1999. Jigifieri, kien hemm ordni generali kontra kull bejgh ta’ proprjeta’ spettanti lill-konvenuti, partikolarment, izda mhux limitatament, ta’ dik il-proprjeta’

li kienet specifikament elenkata fil-mandat. Issa, bhala fatt jirrizulta li t-trasferiment kien jolqot proprju wahda mill-artijiet specifici, senjatament dik enumerata numru sebgha, bid-deskrizzjoni taghha konformi mal-Kap 56. Dan fis-sostanza ma jistax hlief ifisser li l-konvenuti volutament kissru d-divjet li jitrasferixxu u xejn ma jiggova lilhom jekk l-iskrizzjoni fir-Registru Pubbliku kienet inkompleta stante illi tali iskrizzjoni hi intiza ghall-protezzjoni tat-terz u mhux tant tad-debitur.

Il-kwistjoni allura tirrivolvi interament fuq jekk dan il-fatt jikkostitwixxix disprezz kolpit mil-ligi, premess li d-disprezz, bhala istitut, huwa regolat fit-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Procedura Civili, trattat fl-Artikolu 988 sa 1003A u rivestit f'zewg kategoriji li huma ddixxiplinati b'pieni li huma provvduti fil-Kodici Kriminali. Huwa ovvju li fil-kaz in dizamina d-disprezz m'huwiex dak kommess 'in faciem curiae' izda jiskatta minn 'misfatt' li avverra ruhu waqt proceduri li emmanaw mill-Qorti. Fil-verita' pero' m'hemm xejn fl-artikoli taht dan l-istitut li jassoggetta persuna ghad-disprezz ghal fatt 'ut sic' li kiser ordni tal-Qorti.

Illi invece d-disprezz, oggett ta' din il-kawza, konsistenti fil-ksur ta' ordni ta' mandat ta' inibizzjoni, hu trattat mil-Kodici fit-titolu relattiv il-Mandat ta' Inibizzjoni ossija fit-Titolu VI Sub-Titolu V, li jirregola differentement a bazi tac-cirkostanzi. Issa, u in propositu ghal meta mandat jinibixxi l-bejgh, trasferiment etc.., il-ligi, fil-waqt li tispecifika l-formalitajiet rikjesti ghall-validita' tieghu u timponi n-notifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u r-Registratur tal-Artijiet ghad-debita annotazzjoni, tissanzjona kull bejgh, trasferiment jew tnehhija sussegwenti ta' hwejjeg immobbli li ghalihom jkun rrifera l-mandat billi tqiesu null u bla effett u mkien ma tistabbilixxi sanzjoni ohra kuntrarjament ghal xi ksur ta' ordni ta' mandat ta' inibizzjoni li jolqot infrazzjoni ohra fejn espressament hemm imsemmi li l-pieni jkunu dawk ta' disprezz.

Ghaldaqstant, u fuq l-iskorta tal-fuq espost tiddeciedi u tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talbiet ta’ l-attur bi spejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------